# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Mejju 2021**

**Talba Nru: 370/19 JG**
**Numru fuq il-lista: 2**

**Sandro Attard (ID 404678(M))**

**Vs**

**Stephane Ellul Vincenti (ID 72191(M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-18 ta' Novembru 2019[1], permezz ta' liema, talab lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut jħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' elfejn (€2,000) Ewro, rappreżentanti rifużjoni t'ammont imħallas skond ftehim, f'każ li jsir il-pagament finali minn terzi persuni favur l-attur, liema

[1] A fol 1 *et seq.*

pagament baqa' qatt ma sar mit-terzi. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u l-imgħaxijiet.

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[2];

Ra lill-konvenut debitament notifikat[3], naqsas milli jippreżenta risposta fit-terminu li trid il-liġi u li tirreġistra dehra f'dawn il-proċeduri.

Ra li fl-istess seduta, l-konvenut ġie dikjarat li waqgħa fi stat ta' kontumaċja;

Ra li fl-istess seduta, ġie ppreżentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut;

Ra li fis-seduta sussegwenti, l-konvenut reġa naqas milli jattendi u b'hekk il-kapitolu preċedentement ppreżentat ġie dikjarat bħala mistqarr[4];

Sema x-xhieda tal-attur, mogħtija fl-istess seduta;

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġa ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, l-konvenut f'dawn il-proċeduri naqsas milli jsegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġie dikjarat li kien waqgħa fi stat ta' kontumaċja.

---

[2] A fol 24.
[3] Seduta tal-25 ta' Jannar 2021
[4] Seduta tat-22 ta' Frar 2021.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni.

Illi peró, apparti minn hekk, kif ukoll hawn fuq indikat, ġie preżentat kapitolu fil-konfront tal-istess konvenut, u stante nuqqas tal-konvenut li jidher sabiex jwieġeb, l-istess kapitolu ġie mistqarr bħala mistħoqq. B'hekk t-Tribunal għandu wkoll prova pożittiva kontra l-istess konvenut[5].

Illi madanakollu, t-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti, għaliex wara kollox, it-Tribunal huwa obbligat li janalizza l-ammissjoni flimkien ma' kull prova oħra[6].

Illi t-Tribunal qies ix-xhieda mogħtija minn Sandro Attard, kif ukoll il-kompartament tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda, u jara li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala dak sottomess m'għandux jitwemmen. Huwa minnu li kien ikun t'għajnuna għat-Tribunal li kieku l-attur eżebixxa l-kuntratt li għalih saret

[5] Fis-sentenza fl-ismijiet **Stephen u Claudia mizzewgin Vella vs Bollicine Limited Et**, (Appell Civili Numru. 161/2005/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Jannar 2008 in tema ngħad li: *"Dan premess, jibda biex jigi osservat illi in linea ta' principju l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament prevvisti u determinati mil-ligi taht il-Kapitolu 12. Ara Artikoli 698 (2) u 702 (3). Minnhom huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f' min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "Anthony Borg -vs- Samwel Veneziani", Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998, illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut".*

[6] Fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Sultana vs Tony Xerri**, (Appell Civili - Ghawdex Numru. 7/2009/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Lulju 2010, in tema ngħad li *"... huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din listess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process".*

referenza, madanakollu t-Tribunal huwa prinċiparjament munit b'fakultá ekwitattiva, apparti l-fatt li m'huwiex marbut bil-prattika tal-ġbir tal-aħjar prova[7], u għalhekk sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-talba hekk kif mitluba.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jikkundanna l-konvenut iħallas lill-attur s-somma ta' elfejn (€2,000) Ewro bl-imgħax legali mit-18 ta' Novembru 2019[8] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[7] Artikolu 9(2)(b) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta.
[8] Data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.